

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1855****tas-27 ta' Novembru 2018****dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra koperti bid-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal kull Stat Membru għall-2016**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup> tistabbilixxi l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għal kull Stat Membru għal kull sena għall-perjodu mill-2013 sal-2020 u mekkaniżmu biex kull sena tiġi vvalutata l-konformità ma' dawk il-limiti. L-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tal-Istati Membri, mogħtija f'ekwivalenti ta' tunnelli ta' CO<sub>2</sub>, jinsabu fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/162/UE <sup>(3)</sup>. L-aġġustamenti fl-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għal kull Stat Membru huma stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/634/UE <sup>(4)</sup>.
- (2) L-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 jistipula proċedura ta' rieżami tal-inventarji tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Istati Membri sabiex tiġi vvalutata l-konformità mad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE. Ir-rieżami annwali msemmi fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 twettaq abbażi tad-*data* dwar l-emissjonijiet tal-2016 irrappurtata lill-Kummissjoni f'Marzu tal-2018 skont il-proċeduri stabbiliti fil-Kapitolu III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 749/2014 <sup>(5)</sup> u fl-Anness XVI tiegħu.
- (3) L-ammont totali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra koperti bid-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE għal kull Stat Membru għall-2016 jenħtieġ li jqis il-korrezzjonijiet tekniċi u l-istimi riveduti kkalkulati waqt ir-rieżami annwali kif mogħtija fir-rapporti finali tar-rieżami mfassla skont l-Artikolu 35(2) tar-Regolament (UE) Nru 749/2014.
- (4) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha sabiex tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19(7) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 li jstabbilixxi d-*data* tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni bħala l-punt tat-tluq għall-perjodu ta' erba' xhur li matulu l-Istati Membri jkun jistgħu jużaw il-mekkaniżmi ta' flessibilità skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-għadd totali ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra koperti bid-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE għal kull Stat Membru għall-2016 li ġejjin mid-*data* kkoreġuta tal-inventarju wara li tlesta r-rieżami annwali msemmi fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 huwa stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

<sup>(1)</sup> ĠUL 165, 18.6.2013, p. 13.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 (ĠUL 140, 5.6.2009, p. 136).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/162/UE tas-26 ta' Marzu 2013 dwar kif għandhom jiġu ddeterminati l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tal-Istati Membri għall-perjodu mill-2013 sal-2020 skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠUL 90, 28.3.2013, p. 106).

<sup>(4)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/634/UE tal-31 ta' Ottubru 2013 dwar l-aġġustamenti fl-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għall-perjodu mill-2013 sal-2020 skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠUL 292, 1.11.2013, p. 19).

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 749/2014 tat-30 ta' Ġunju 2014 dwar l-istruttura, il-format u l-proċess tat-tressiq u r-reviżjoni tal-informazzjoni rrappurtata mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠUL 203, 11.7.2014, p. 23).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2018.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER

---

## ANNEX

Stat Membru	L-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-2016 koperti bid-Deċizzjoni Nru 406/2009/KE (f'ekwivalenti ta' tunnelli ta' diossidu tal-karbonju)
Il-Belġju	74 063 149
Il-Bulgarija	25 587 947
Ir-Repubblika Ċeka	62 816 957
Id-Danimarka	33 124 678
Il-Ġermanja	454 157 411
L-Estonja	6 218 046
L-Irlanda	43 798 177
Il-Ġreċja	44 897 200
Spanja	198 472 205
Franza	351 924 668
Il-Kroazja	16 006 813
L-Italja	270 685 435
Ċipru	4 111 441
Il-Latvja	9 107 440
Il-Litwanja	13 921 700
Il-Lussemburgu	8 524 455
L-Ungerija	42 059 940
Malta	1 329 995
In-Netherlands	101 333 437
L-Awstrija	50 618 898
Il-Polonja	198 664 758
Il-Portugall	41 572 594
Ir-Rumanija	73 123 042
Is-Slovenja	11 236 888
Is-Slovakkja	19 758 694
Il-Finlandja	31 358 144
L-Iżvezja	32 612 247
Ir-Renju Unit	333 899 779